**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 11 ta` Frar 2019**

**Rikors Nru. 1038/2017 JZM**

**Fl-Atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni 1167/2015 fl-ismijiet :**

**Mario Gatt (K.I. numru 809953M) u Mary Gatt (K.I. numru 714453M), Alan Mark Gatt (K.I. numru 224291M)u Glen Gatt (K.I. numru 278181M)**

**vs**

**Madeleine Mallia (K.I. numru 360546M), Connie Camilleri mart Joseph Camilleri, Francis Mallia, Marthese Farrugia mart Nazzareno Farrugia, Mary Mallia u Carmen Fenech mart Martin Fenech, ahwa Mallia**

**Il-Qorti:**

## I. <u>Preliminari</u>

Fl-<u>14 ta' Novembru 2017</u>, Madeleine Mallia et ("**<u>l-ezekutati</u>**") ipprezentaw rikors, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex :-

"… *tirrevoka il-mandat fl-ismijiet premessi kontra l-esponenti u fin-nuqqas l-intimati ghandhom jaghmlu tajjeb b'depozitu bhala garanzija ghad-danni li qeghdin isofru l-esponenti …*"

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezentaw Mario Gatt et ("**<u>l-ezekutanti</u>**") fil-<u>5 ta' Dicembru 2017</u> fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-ezekutati, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Frar 2018 (fol 20) fejn Dr Edward Gatt ghall-ezekutati ddikjara li *apparti s-sorte u l-ispejjez li diga` gie depozitat ser jiddepozita wkoll fil-jiem li gejjin l-imghax sad-data tad-depozitu tac-cedola* bla pregudizzju ghall-appell li ntavolaw l-ezekutati mis-sentenza ta` din il-Qorti tad-29 ta` Jannar 2015.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Frar 2018 fejn l-ezekutati ddikjaraw illi kienu qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tal-Mandat abbazi tal-**<u>Art 836(1)(c), (e) u (f) tal-Kap 12</u>**.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2018.

Semghet ix-xiehda ta` Carmen Fenech u ta` Julian Attard fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li kienu esebiti dakinhar.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Novembru 2018.

Semghet ix-xiehda ta` Mario Gatt fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li kienu esebiti dakinhar.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Jannar 2019.

Rat illi wara dik l-udjenza, ir-rikors thalla ghal provvediment in camera.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Fatti

Il-parti decizorja tas-sentenza li tat din il-Qorti fil-kawza bejn il-partijiet tad-**29 ta` Jannar 2015** fil-kawza fl-ismijiet *Mario Gatt et vs Josephine Mallia et : Citaz. Nru. 324/2010 JZM* kienet taqra hekk :

*Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.*

*Tilqa` l-ewwel talba.*

*Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, sa zmien xaghrejn mil-lum, a spejjez taghhom, u taht id-direzzjoni tal-Perit Godwin Abela li l-Qorti qeghda tahtar ghal dan l-iskop, jesegwixxu x-xogholijiet rimedjali kollha li huma mehtiega sabiex jigu rimossi n-nuqqasijiet ezistenti fil-fond 75, Triq San Frangisk, Hamrun, u li qeghdin jikkawzaw skular ta` drenagg ghal gol-propjeta` tal-atturi fejn qabel kien sitwat il-fond 76, Triq San Frangisk, Hamrun.*

*Tilqa` t-tielet talba u tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas da parti tal-konvenuti li jezegwixxu x-xogholijiet mertu tat-tieni talba fit-terminu lilhom prefiss, jezegwixxu huma dawk ix-xogholijiet, a spejjez tal-konvenuti, u taht id-direzzjoni tal-Perit Godwin Abela li l-Qorti qeghda tahtar ghal dan l-iskop.*

*Tilqa` r-raba` talba u tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont ta` erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500).*

*Tilqa` l-hames talba u tikkundanna lill-konventi sabiex ihallsu lill-atturi s-somma likwidata ta` erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) in linea ta` danni, bl-imghax legali b`effett mil-lum.*

*Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.*

Minn din is-sentenza, l-ezekutati ntavolaw appell fit-**13 ta' Frar 2015**, liema appell ghadu sal-lum mhux appuntat.

Pendenti l-appell, l-ezekutati rreklamaw il-bejgh tal-post taghhom mertu ta` din il-vertenza.

Fil-**21 ta' Lulju 2015**, l-ezekutanti, in kawtela tad-drittijiet li kisbu bis-sentenza fuq riferita tad-29 ta' Jannar 2015, talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ("**il-Mandat**") sabiex izommu lill-ezekutati milli : *"jbieghu, jittrasferixxu, jnehhu jew jiddisponu inter vivos, sew b'titolu oneruz jew gratwitu, inkella jghabbu b'xi dritt jew piz, reali jew personali, favur terzi, il-fond numru hamsa u sebghin (75) fi Triq San Frangisk, Hamrun, jew xi parti jew sehem indiviz minnu, jew icedu jew jirrinunzjaw ghal xi jedd li ghandhom dwar l-istess proprjeta`"*

Fit-**22 ta` Frar 2017**, l-ezekutati pprezentaw cedola ta' depozitu bin-nru 337/14 bl-ammont ta` €4,812.40 kontra l-ezekutanti.

Fil-pendenza tal-procediment odjern, precizament fis-**26 ta` Ottubru 2018**, l-ezekutati pprezentaw cedola ta` depozitu ohra bin-nru 2040/2018 bl-ammont ta` €1,375.

## III. Il-Kompetenza ta` din il-Qorti

Ghalkemm ma tressqet l-ebda eccezzjoni formali fir-risposta tal-ezekutati ghar-rikors, propju fl-ahhar, u cioe` fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2019, id-difensur tal-ezekutanti esprima dubju dwar il-kompetenza ta`

din il-Qorti li tiddeciedi dwar it-talba tal-ezekutati, ladarba l-kawza fil-mertu bejn il-partijiet, wara li kienet deciza fil-prim` istanza minn din il-Qorti kif presjeduta, kienet appellata mill-ezekutati stess u l-partijiet ghadhom qeghdin jistennew id-data tal-ewwel appuntament tal-appell.

Ghalkemm ma tnizzel xejn fil-verbal tal-udjenza, il-fatt li kien espress dan id-dubju kien ikkonfermat min-nota li pprezentaw l-ezekutati wara dik l-udjenza fejn esprimew l-irritazzjoni evidenti taghhom ghall-fatt li dik il-materja ma kenitx sollevata fil-bidu nett tal-procediment izda propju fl-ahhar.

Meta titqieghed in diskussjoni il-kompetenza tal-qorti li tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent, kif gara fil-kaz tal-lum mhux *in limine litis* izda propju fl-ahhar udjenza qabel ir-rikors thalla ghal provvediment finali *in camera*, huwa dover tal-qorti li *ex officio* tqis il-materja. Dan obbligata taghmlu jkun liema jkun l-istadju li fih il-kwistjoni tkun giet a konoxxenza taghha, anke fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali.

Meta tinsorgi kwistjoni dwar il-kompetenza tal-qorti, din ma tistax twarrab il-kwistjoni fuq bazi ta` formalizmu, izda trid taghtiha l-konsiderazzjoni li timmerita billi l-materja hija ta` ordni pubbliku.

Hija kostanti l-gurisprudenza ta` dawn il-qrati li kwistjonijiet ta' ordni pubbliku jistghu jigu sollevati mill-qorti stess *ex officio*.

Issir referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet "**Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**" fejn inghad hekk :-

> "*Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista' tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m'ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma' kawza,* ***il-Qorti tista' "ex-officio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta' ordni pubbliku****. L-istess filkaz ta'*

*Mandat in Factum fejn il-Qorti tista' "ex-officio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta' dan il-Mandat (ara **Xuereb vs Xuereb** Appell 27 ta' Marzu, 2003) :*

*"Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, **ammenoche non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio"** -"**Joseph Gatt vs Joseph Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965; "**Regina mart Francis Cacciottolo vs Francis Cacciottolo**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976 ;*

*"**Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku**, altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tigi sollevata millQorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" -"**Anthony Hammett noe vs Vincent Genovese pro et noe**", Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1991."*

*Decizjoni ohra f'dan is-sens kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Civili Inferjuri fl-ismijiet "**Borg vs Halmann Limited**" fl-20 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li :-*

*"Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza lgudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti talkontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghaddecizjoni tieghu.*

*Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku fejn allura I-gudikant hu obbligat li jirrileva 'ex officio'. Ara "**Cacciattolo utrinque**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976." (enfazi mizjud)*

*F' "**Galea et vs Calleja pro et**" deciza fil-25 ta' Mejju 2001, il-Qorti tal-Appell spjegat ghal darb' ohra li :-*

*"**Fis-sistema gudizzjarju taghna, l-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.** Dan billi bhala norma l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju talkontestazzjoni li jressqulu l-partijiet." (enfazi mizjud)*

*L-isless intqal fi **Grech vs Saglimene** et deciza fid-9 ta' April 1992 mill-Qorti tal-Kummerc. Tal-istess portata kienet ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Gatt vs Debono et** tat-2 ta' Frar 1990 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili: "Skont il-principji tal-Gustizzja l-ebda Qorti m'ghandha ddritt li tissolleva eccezzjonijiet "ex officio" hlief dawk li l-ligi stess timponi fuqha bhala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni tal-ordni pubbliku ..." (enfazi mizjud)*

*Gie wkoll stabbilit mill-gurisprudenza li l-kwistjonijiet ta' procedura jikkonsistu fi kwistjoni ta' natura pubblika, u li konsegwentement tali kwistjonijiet jistghu jigu sollevati mill-gudikant ex officio. Hekk per ezempju, fid-decizjoni flismijiet f'**Maurice Cefai et vs Doris Fenech**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 2002, intqal illi :-*

*"Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura 'si debbono osservare alla lettera e non per equipollens' (Vol XVIII pi p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsidrata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mill-ligi 'ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas*

*bil-kunsens tal-parti opposta. B' mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio' (Vol XXXVI pl p204;Vol XLIV pl p421)."*

*F'* ***Baldacchino Maria vs Pace Edwin*** *deciza mill-Prim' Awla fit-3 ta' Ottubru 2003, il-Prim' Awla kkonfermat ukoll illi punt procedurali jista' jigi ssollevat ex officio:-*

*"Dan premess, il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz jezisti punt procedurali assorbenti li l-Qorti ghandha d-dmir li tissolleva ex officio u tiddecidieh, avolja ma giex hekk sollevat mill-konvenut;... Kif osservat fis-sentenza flismijiet* ***Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace et****, Appell Civili, 15 ta' Ottubru 1965, 'il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio*."

**Dan premess, jirrizulta li l-ezekutanti talbu u kisbu l-hrug tal-Mandat, li tieghu l-ezekutati qeghdin jitolbu r-revoka, <u>wara</u> li kienet deciza l-kawza bejn il-partijiet minn din il-Qorti, u <u>fil-pendenza tal-appell</u> mis-sentenza ta` din il-Qorti li kien intavolat mill-ezekutati (ara d-dati fuq indikati).**

Diversi kienu d-drabi fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi meta kawza tkun deciza fl-ewwel istanza, u jsir appell minnha, rikors fejn tintalab ir-revoka ta` mandat kawtelatorju li jkun hareg fil-kors tal-procediment ghandu jigi trattat u deciz mill-Qorti tal-Appell, kemm jekk il-mandat jkun hareg mill-qorti tal-ewwel istanza, u *multo magis* meta l-mandat ikun hareg wara li tkun deciza l-kawza fl-ewwel istanza u jkun hemm appell pendenti minn dik is-sentenza, kif gara fil-kaz tal-lum.

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Marzu 2015 fil-kaz "**Stephen Tanti et vs. Louis Scerri Montaldo et**" inghad hekk :-

> " … *din hija procedura taht l-Artiklu 836 (1) tal-Kap. 12 li jghid illi :*
>
> *836. (1) Minghajr ebda prezudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull lizi ohra, l-intimat li jkun inharez att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harzet l att kawtelatorju, jew inkella,* ***jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza*** *li fih jitlob li l-att kawtelatorju jizi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-razunijiet li zejjin: (enfasi mizjuda)*
>
> …
>
> *Ghalhekk fil-kaz in ezami peress li l-kawza mhux talli gia` nbdiet izda anke giet deciza fl-ewwel istanza u sar appell minn dik is-sentenza, hija din il-Qorti li bhalissa qed tittratta l-kawza; kwindi hija l-unika Qorti li qed taghmel dan u allura r-rikorrenti kellhom jipprezentaw it-talba taghhom quddiemha kif jghid l-artikolu msemmi. Huwa minnu li dan mhux normali li jsir ghaliex normalment mandat kawtelatorju jinhareg fi stadju bikri tal-proceduri; gieli anzi hafna drabi qabel ma tigi intavolata l-kawza proprja. Huwa minnu wkoll li l-ligi fis-sub-inciz (5) tal-istess artikolu tghid ma jistax isir appell minn digriet li jilqa' talba ghar-revoka jew thassir tal-mandat izda huwa car ghal din il-Qorti li l-legislatur kien qed jahseb f'dak li jigri normalment u ghandu japplika l-principju 'praesumitur et eo quod plurimum accidit'."*

L-istess inghad fis-sentenza li nghatat fl-24 ta' April 2015 fil-kaz fl-ismijiet "**Zealand Holdings Inc. vs Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.**" fejn il-Qorti tal-Appell irrilevat illi :

> "*Fil-kuntest tal-aggravju ta' Zealand Holdings Inc. li mhux din il-Qorti (tal-Appell) izda l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha kompetenza tiddeciedi fuq rikors simili, il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 u darba li l-atti tal-kawza tressqu quddiem din il-Qorti ghat-trattazzjoni, hija din il-Qorti li hi kompetenti biex tisma' u tiddeciedi fuq il-kwistjoni, avolja l-appell fil-meritu ghadu ma ziex appuntat ghas-smigh amministrattivament*".

Din il-Qorti taghmel taghha din il-gurisprudenza ghaliex tghodd ghall-kaz in ezami.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti *ex officio* tiddikjara ruhha mhux kompetenti sabiex tipprovdi dwar ir-rikors tal-ezekutati fejn talbu r-revoka tal-Mandat de quo. Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-ezekutati kif dedotta fl-istess rikors. L-ispejjez tal-procediment tal-lum ghandhom jithallsu mill-ezekutati.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**
**Amanda Cassar**